

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/749/PESK

tad-19 ta' Novembru 2007

dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 14 u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/824/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH) ⁽¹⁾. Dik l-Azzjoni Konġunta tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007.
- (2) Fittra ta' stedina tad-19 ta' Settembru 2007, l-awtoritajiet tal-BiH stiednu lill-Unjoni Ewropea sabiex testendi l-EUPM fil-BiH.
- (3) Fittra tat-22 ta' Ottubru 2007 s-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-PESK (SĠ/RGħ) bagħat twegħiba pożittiva għall-ittra ta' stedina ta' l-awtoritajiet tal-BiH.
- (4) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill approva Linji Gwida għall-Istruttura ta' Kmand u Kontroll għall-Operazzjonijiet Ċivili ta' l-UE fil-Maniġġar ta' Kriżijiet; dawn il-Linji Gwida jipprevedu b'mod partikolari li Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili jeżerċita kmand u kontroll fil-livell strateġiku għall-ippjanar u t-tmexxija ta' l-operazzjonijiet kollha tal-maniġġar ta' kriżijiet ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGħ. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu ulterjorment li d-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) stabbilita fis-Segretarjat tal-Kunsill, ser ikun il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għal kull operazzjoni ċivili tal-maniġġar ta' kriżijiet.
- (5) L-Istruttura ta' Kmand u Kontroll imsemmija hawn fuq għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-EUPM.

(6) Il-mandat ta' l-EUPM sejjer jiġi implementat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tkun ta' ħsara għall-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat.

(7) Il-Kapaċità ta' l-Għassa (*Watch-Keeping Capability*) fis-Segretarjat tal-Kunsill għandha tiġi attivata għall-EUPM,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Missjoni

1. Il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH), stabbilita bl-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK ⁽²⁾ u ssokkata bl-Azzjoni Konġunta 2005/824/CFSP, għandha titkompla mill-1 ta' Jannar 2008.

2. L-EUPM għandha topera skond l-objettivi u d-dispożizzjonijiet l-oħra kif jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-missjoni esposta fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Dikjarazzjoni tal-missjoni

L-EUPM, taħt il-koordinazzjoni u l-gwida politika lokali tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-BiH (RSUE) u bħala parti mill-approċċ aktar wiesa' lejn approċċ ta' l-istat tad-dritt fil-BiH u fir-reġjun, għandha timmira, permezz tal-konsulenza, tal-monitoraġġ u ta' l-ispezzjoni, sabiex tistabbilixxi fil-BiH servizz tal-pulizija sostenibbli, professjonali u multi-etniku li jopera skond standards Ewropej u internazzjonali.

Dan is-servizz tal-pulizija għandu jopera skond l-impenji assunti bħala parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-għlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-riforma tal-pulizija.

⁽¹⁾ ĠU L 307, 25.11.2005, p. 55.

⁽²⁾ ĠU L 70, 13.3.2002, p. 1. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta 2005/143/PESK (ĠU L 48, 19.2.2005, p. 46).

L-EUPM għandha topera b'mod konformi ma' l-oġġettivi ġenerali ta' l-Anness 11 tal-Ftehim Kwadru Ġenerali għall-Paċi fil-Bosnja u Herzegovina u l-oġġettivi tagħha ser ikunu appoġġati mill-istrumenti tal-Komunità Ewropea. L-EUPM għandha tibqa' tmexxi l-koordinazzjoni ta' l-aspetti ta' pulizija ta' l-isforzi tal-PESD fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, mingħajr preġudizzju għal-linji ta' kmand miftiehma. L-EUPM għandha tassisti lill-awtoritajiet lokali fl-ippjanar u fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet maġġuri ta' kriminalità organizzata, billi tikkontribwixxi għall-funzjonament aħjar tas-sistema tal-ġustizzja kriminali kollha in ġenerali u ttejjeb b'mod partikolari r-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-prosekuturi. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, l-EUPM għandha tassisti lill-awtoritajiet tal-BiH biex jidentifikaw il-ħtiġijiet li baqa' għall-iżvilupp tal-pulizija li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' assistenza Komunitarja.

Artikolu 3

Reviżjoni

Proċess ta' reviżjoni kull sitt xhur, skond il-kriterji ta' valutazzjoni esposti fil-Kunċett ta' l-Operazzjonijiet (CONOPS) u l-Pjan ta' Operazzjonijiet (OPLAN) u b'kont meħud ta' l-iżviluppi fir-riforma tal-pulizija, għandu jippermetti li jsiru aġġustamenti fl-attivitàjiet ta' l-EUPM skond kif ikun meħtieġ.

Artikolu 4

Struttura

1. L-EUPM għandha tkun strutturata kif ġej:
 - (a) kwartieri-ġenerali prinċipali f'Sarajevo, magħmulin mill-Kap tal-Missjoni u l-persunal kif definit fl-OPLAN;
 - (b) ko-lokazzjonijiet fi ħdan id-diversi servizzi tal-pulizija tal-BiH fl-ivell superjuri, anke fi ħdan l-Aġenzija Statali ta' Investigazzjoni u Protezzjoni, il-Pulizija tal-Fruntiera tal-BiH, l-Uffiċċju ta' l-Interpol/EUROPOL, l-Entitajiet, iċ-Ċentri tas-Sigurtà Pubblika, il-Kantoni, u d-distrett ta' Brcko.
2. Dawn l-elementi għandhom jiġu żviluppati fil-CONOPS u fl-OPLAN. Il-Kunsill għandu japprova l-CONOPS u l-OPLAN.

Artikolu 5

Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għall-EUPM.

2. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGħ, għandu jeżerċita kmand u kontroll ta' l-EUPM fil-livell strateġiku.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implementazzjoni xierqa u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-KPS, inkluż bil-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni.

4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat jew ta' l-istituzzjoni ta' l-UE li jissekondawh. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġenerali biex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza ta' l-UE jiġi attwat b'mod xieraq.

6. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u r-RSUE għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

Artikolu 6

Kap tal-Missjoni

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jjeħu r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll ta' l-EUPM fuq il-post.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif inkarigat mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, r-riżorsi u l-informazzjoni li qegħdin għad-dispożizzjoni ta' l-EUPM.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-persunal kollu ta' l-EUPM għat-tmexxija effettiva ta' l-EUPM fuq il-post, filwaqt li jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-attivitàjiet ta' l-EUPM, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.
4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-EUPM. Għal dan il-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mal-Kummissjoni.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Fir-rigward tal-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità nazzjonali jew mill-awtorità ta' l-UE konċernata.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta l-EUPM fil-qasam ta' l-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tagħha.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, kif xieraq, ma' atturi oħrajn ta' l-UE fuq il-post. Mingħajr preġudizzju għall-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE.

Artikolu 7

Persunal ta' l-EUPM

1. In-numri u l-kompetenzi tal-persunal ta' l-EUPM għandhom ikunu konsistenti mad-dikjarazzjoni tal-missjoni esposta fl-Artikolu 2 u ma' l-istruttura esposta fl-Artikolu 4.

2. L-uffiċjali tal-pulizija għandhom ikunu ssekondati mill-Istati Membri. Kull Stat Membru għandu jassumi l-ispejjeż relatati ma' l-uffiċjali tal-pulizija li jissekonda, inklużi s-salarji, l-allowances u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-BiH.

3. Il-persunal ċivili internazzjonali u l-persunal lokali għandhom ikunu rekrutati fuq bażi kontrattwali mill-EUPM skond kif ikun meħtieġ.

4. L-Istati Membri jew l-istituzzjonijiet ta' l-UE jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jissekondaw ukoll persunal ċivili internazzjonali għal perijodu minimu ta' sena. Kull Stat Membru jew istituzzjoni ta' l-UE għandhom jassumu l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe membru tal-persunal sekondat minnhom, inklużi s-salarji, l-allowances u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-BiH.

5. Il-persunal kollu għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jaġixxi fl-interess ta' l-EUPM. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà⁽¹⁾ (minn hawn il-quddiem "ir-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà").

Artikolu 8

Status tal-persunal ta' l-EUPM

1. L-arranġamenti meħtieġa għandhom isiru fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-BiH ta' l-4 ta' Ottubru 2002 dwar l-attivitajiet ta' l-EUPM fil-BiH kemm iddum l-EUPM.

⁽¹⁾ ĠU L 101, 11.4.2001, p.1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/438/KE (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 24).

2. L-Istat Membru jew l-istituzzjoni ta' l-UE li jissekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli li jwieġbu għal kwalunkwe talba marbuta ma' l-issekondar, minn jew li tikkonċerna l-membru tal-persunal. L-Istat Membru jew l-istituzzjoni ta' l-UE in kwistjoni għandhom ikunu responsabbli mill-istituzzjoni ta' kwalunkwe azzjoni kontra l-issekondat.

3. Il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal kontrattwali internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija u l-membri tal-persunal.

Artikolu 9

Katina ta' kmand

1. L-EUPM għandha jkollha linja ta' kmand unifikata, bħala operazzjoni ta' immaniġġar ta' kriżi.

2. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-EUPM.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGħ, huwa l-kmandant ta' l-EUPM flivell strateġiku u, għaldaqstant, għandu jgħid istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdi konsulenza u appoġġ tekniku.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tas-SĠ/RGħ.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq l-EUPM fuq il-post u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

Artikolu 10

Kontroll politiku u direzzjoni strateġika

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-EUPM. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan skond l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat li jemenda l-OPLAN. Għandha tinkludi wkoll is-setgħat li jieħu deċiżjonijiet sussegwenti li jirrigwardaw il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-oġettivi u t-terminazzjoni ta' l-EUPM għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

Artikolu 11

Parteċipazzjoni ta' Stati terzi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija deċiżjonali ta' l-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, Stati terzi jistgħu jiġu mistiedna sabiex jikkontribwixxu lill-EUPM billi jassumu l-ispejjeż sabiex jibagħtu l-uffiċjali tal-pulizija u/jew il-persunal ċivili internazzjonali li jissekondaw, inklużi s-salarji, l-allowances u l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-BiH, u billi jikkontribwixxu għall-ispejjeż korrenti ta' l-EUPM skond kif ikun meħtieġ.

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu lill-EUPM għandhom ikollhom l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħall-Istati Membri li jieħdu sehem fl-operazzjoni.

3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet pertinenti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributori.

4. L-arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu suġġetti għal ftehim li jiġu konklużi skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 24 tat-Trattat.

Artikolu 12

Arranġamenti finanzjarji

1. Il-baġits għas-snin 2008 u 2009 għandhom jiġu deċiżi fuq bażi annwali.

2. In-nefqa ta' l-EUPM għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament ma għandux jibqgħu l-proprjetà tal-Komunità. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi li jipparteċipaw finanzjarment fil-EUPM u tal-pajjiż ospitanti għandhom jitħallew jippreżentaw offerti għal kuntratti.

3. Il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija għandu jirrapporta b'mod sħiħ lill-Kummissjoni, u jiġi sorveljat minnha, dwar l-attivitajiet eżegwiti fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.

4. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti operattivi ta' l-EUPM.

5. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

Artikolu 13

Sigurtà

1. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u effettiva tagħhom għall-EUPM skond l-Artikoli 5 u 9, f'koordinazzjoni ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli mis-sigurtà ta' l-EUPM u milli jiżgura konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-EUPM, skond il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni Ewropea f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Anzjan għas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jaħtar Uffiċjali tas-Sigurtà Distrettwali fl-erba' ko-lokazzjonijiet reġjonali, li, taħt l-awtorità ta' l-SMSO, għandhom ikunu responsabbli mill-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-aspetti kollha ta' sigurtà ta' l-elementi rispettivi ta' l-EUPM.

5. Il-persunal ta' l-EUPM għandu jagħmel taħriġ obligatorju ta' sigurtà qabel id-dħul tiegħu fil-funzjoni, f'konformità ma' l-OPLAN. Huwa għandu jingħata taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.

Artikolu 14

Azzjoni Komunitarja

1. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw, skond is-setgħat rispettivi tagħhom, il-koerenza bejn l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-attivitajiet esterni tal-Komunità skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3 tat-Trattat. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.

2. Il-Kunsill jinnota li jeżistu diġà arranġamenti ta' koordinazzjoni fiż-żona ta' l-EUPM kif ukoll fi Brussell.

Artikolu 15

Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata

1. Is-SĠ/RĠh huwa b'dan awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konġunta, skond il-każ u r-rekwiżiti operattivi ta' l-EUPM, informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-għanijiet ta' l-EUPM, skond ir-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà.

2. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva speċifika u immedjata, is-SĠ/RĠh huwa wkoll b'dan awtorizzat jirrilaxxa lill-awtoritajiet lokali informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-finijiet ta' l-EUPM, skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Fil-każijiet l-oħra kollha, tali informazzjoni u dokumenti għandhom jiġu rilaxxati lill-awtoritajiet lokali skond il-proċeduri adatti għal-livell tal-koperazzjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

3. Is-SĠ/RĠh huwa b'dan awtorizzat jirrilaxxa lil Stati terzi assoċjati ma' din l-Azzjoni Konġunta u lill-awtoritajiet lokali dokumenti mhux klassifikati ta' l-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward ta' l-EUPM koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali skond l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Artikolu 16

Kapaċità ta' l-Għassa

Il-Kapaċità ta' l-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPM.

Artikolu 17

Dħul u fis-seħħ dewmien

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 18

Pubblikazzjoni

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47). Deċiżjoni emendata mid-Deċiżjoni 2007/4/KE, Euratom (ĠU L 1, 4.1.2007, p. 9).